MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 107/2014

**Matteo u Geneve konjugi Farrugia**

**vs**

**Darren Zammit**

**(ID 177581M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Marzu 2014 fejn l-atturi talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) rapprezentanti self moghti lilu ghal hlas ta' dejn li huwa kellu ma' terzi kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 118/14 kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru 185/14 u bl-imghax mid-data ta' l-Ittra Ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fis-27 ta' April 2015, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali San Gwann u l-Ghassa tal-Puluzija gewwa San Gwann (fol 22 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil 5 ta' Mejju 2015 (fol 23) u fl-Orizzont fit-23 ta' Gunju 2015 (fol 26).

Illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2015 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 28).

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2015 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------